MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 661/1997/2

**Emanuela MAGRI u John Falzon, aħwa Magri**

**vs**

**Onorato FALZON**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta’ Marzu, 1997, li bih l-atturi talbu li l-imħarrek iħallashom is-somma ta’ Lm 1428, kif kien intrabat li jagħmel, ladarba seħħet il-kundizzjoni li dwarha kien marbut il-ħlas ta’ dik is-somma. L-atturi jibnu t-talba tagħhom fuq ftehim ta’ wegħda ta’ bejgħ u xiri li sar fit-8 ta’ Lulju, 1996[1], fejn huma u l-istess imħarrek kienu fost għadd ta’ bejjiegħa ta’ post fin-Naxxar lil ċertu David Curmi, bil-prezz ta’ Lm 45,000, u taħt patti u kundizzjonijiet oħra. F’dak il-ftehim kien hemm klawsola li biha l-imħarrek intrabat li jħallas lill-atturi s-somma minnhom mitluba jekk kemm-il darba, sad-19 ta’ dak ix-

[1] Paġ. 5-6 tal-proċess

xahar kien jintwera, permezz ta’ żewġ affidavit maħlufa, li kienet saret offerta ta’ Lm 55,000 għall-istess post. L-atturi jgħidu li din il-kundizzjoni seħħet;

Illi l-imħarrek laqa’ għal din it-talba billi, b’Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa minnu fl-4 ta’ Awissu, 1998, qal li ma ntweriex li kienet seħħet il-kundizzjoni msemmija fl-att tal-konvenju;

Rat ix-xhieda mressqa mill-atturi bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta’ Ġunju, 2000, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi biex tisma’ x-xhieda ta’ David u Neville Curmi, liema ħatra ġiet estiża b’degriet ieħor tal-11 ta’ Mejju, 2001, biex hija tiġbor ukoll il-provi tal-imħarrek;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrek;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-6 ta’ Diċembru, 2004[2], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet magħmulin mill-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Ottubru, 2004, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar twettiq ta’ obbligazzjoni b’riżultat li seħħet kundizzjoni sospensiva. Il-kundizzjoni kienet tiddependi minn żewġ fatturi ewlenin: (i) li sa ċertu jum miftiehem, (ii) kienet trid isseħħ ġrajja. Il-kundizzjoni kienet waħda mista[3]. Din il-ġrajja kienet teħtieġ l-intervent tal-bniedem, u mhux ta’ xi ħaġa li sseħħ jew ma sseħħx indipendentement minnu. Kienet tikkonsisti f’li jsiru żewġ dikjarazzjonijiet maħlufa b’tagħrif partikolari, magħmulin

[2] Paġġ. 99 sa 102 tal-proċess
[3] Art. 1053(3) tal-Kap 16

minn terzi persuni. Waħda minn dawn il-persuni kellha tkun persuna speċifika, għax imsemmija fil-kundizzjoni nfisha;

Illi dwar il-klawsola tal-konvenju li fuqha tissejjes l-azzjoni attriċi hemm ħafna x'wieħed jgħid. Fl-ewwel lok, għall-kuntrarju tal-klawsoli l-oħra f'dak il-ftehim, din hija klawsola li ddur fuq u tirreferi biss għar-relazzjonijiet ta' wħud mill-bejjiegħa bejniethom u mhux ukoll max-xerrej prospettiv. Fit-tieni lok, isseħħ u ma sseħx il-kundizzjoni msemmija f'dik il-klawsola, ma kienet sejra tibdel xejn mis-siwi jew mis-saħħa tar-rabta ta' wegħda ta' bejgħ li saret max-xerrej Curmi. Fit-tielet lok, hija klawsola li, kif imfassla, kienet tnissel ċirkostanzi li setgħu kienu fil-kontroll ta' waħda biss mill-partijiet bla ma tkun involuta jew imqar mgħarrfa l-parti l-oħra. Fir-raba' lok, jirriżulta[4] madankollu li kien l-imħarrek innifsu li ipproponiha dak inhar tal-konvenju, meta żewġ l-attriċi kien semmielu li kien hemm ħaddieħor li offra somma ogħla minn dik li dwarha kien qiegħed isir il-ftehim;

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jridu jitqiesu fid-dawl tal-artikoli 1055, 1056 u 1057 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi minbarra dan, joħroġ ukoll li t-twettiq tat-tieni parti tal-kundizzjoni – jiġifieri dik li jitressqu żewġ dikjarazzjonijiet maħlufa – ma setax isir minn rajh, iżda ried tabilfors l-intervent attiv ta' parti li kienet taf bil-klawsola u li setgħet tirbaħ mill-ġrajja tal-kundizzjoni. Fih innifsu, dan il-fatt mhux bi ksur tal-liġi, għaliex hija l-liġi nfisha[5] li tagħraf il-kundizzjoni potestattiva, jiġifieri dik li tiddependi minn ġrajja li waħda jew l-oħra mill-partijiet li jikkuntrattaw tista' ġġiegħel jew ma tħallix li tiġri. Sakemm tali kundizzjoni ma tkunx tiddependi biss mir-rieda waħdanija tal-parti debitriċi, l-kundizzjoni potestattiva tiswa f'għajnejn il-liġi[6];

Illi b'dan l-għarfien quddiem għajnejha, il-Qorti jkollha tqis li l-aġir tal-atturi kien mistenni jkun wieħed li jixhed li kellhom kull interess li l-kundizzjoni sseħħ. Iżda l-

---

[4] Xhieda tal-imħarrek 26.11.2001, f'paġ. 54 tal-proċess
[5] Art.1053(2) tal-Kap 16
[6] App. Kumm. **22.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Beżżina vs Mizzi et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.339**)

mistoqsija li waħedha tqum f'dan l-istadju hija safejn setgħu jaslu l-atturi biex iġibu fis-seħħ il-kundizzjoni pattwita. Din kienet waħda mir-riskji inerenti li l-Qorti diġa' irrilevat aktar 'il quddiem u li kienet tentazzjoni faċli u mistennija mill-mod kif il-klawsola tfasslet;

Illi l-provi juru ċar – u fuq dan il-fatt seħaq ħafna u aktar minn darba l-għaref difensur tal-imħarrek fit-trattazzjoni tiegħu – li żewġ l-attriċi uża ħiltu kollha biex iż-żewġ dikjarazzjonijiet jinkisbu u li dawn jinkisbu sad-data msemmija fil-klawsola tal-konvenju. Kemm hu hekk, joħroġ ċar mill-provi[7] li ż-żewġ dikjarazzjonijiet saru sewwasew fl-aħħar jum utli, miktubin mill-istess id, fl-istess post u bix-xhieda tal-istess Nutar Pubbliku. Ħareġ mill-provi wkoll[8] li żewġ l-attriċi kien hu li ħa liż-żewġ persuni għand in-Nutar biex jagħmlu d-dikjarazzjonijiet, u li, fil-każ ta' waħda minnhom, ħallasha l-flus biex din tersaq ħalli tagħmel l-istqarrija. Irid jingħad li, meta ż-żewġ persuni taw ix-xhieda tagħhom waqt il-kawża, it-tnejn ikkonfermaw il-verita' ta' dak li ddikjaraw fl-istqarrijiet tagħhom, u li dak li stqarrew kien dak li l-klawsola kondizzjonali riedet li kellu jingħad biex tiġi fis-seħħ. Minbarra dan , iż-żewġ persuni qablu wkoll li ma kinux jafu lil xulxin u għalhekk, b'dan il-mod, tneħħiet il-possibilta' ta' kollużjoni bejniethom dwar dak li kull wieħed minnhom iddikjara;

Illi l-Qorti tirrileva li ħadd mill-partijiet ma ħass il-ħtieġa li juri kif u meta l-partijiet biegħu l-post lil Curmi. Wieħed għandu jifhem li dan seħħ wara d-19 ta' Lulju, 1996, u bil-kundizzjonijiet miftehma fil-ftehim li kien sar fit-8 ta' Lulju, 1996. Dan qiegħed jingħad għal żewġ raġunijiet: fl-ewwel lok, għaliex jekk il-kuntratt sar qabel id-19 ta' Lulju, 1996, il-klawsola li fuqha qegħdin jistrieħu l-atturi ma kienet qatt tista' tiġi fis-seħħ, għaliex il-fatt tal-bejgħ kien jirrendi l-klawsola għal kollox bla bżonn; fit-tieni lok, jekk l-atturi dehru wkoll (forsi rappreżentati fuq l-att minn żewġ l-attriċi Manwel Magri) fuq dak il-kuntratt, u kellhom f'idejhom l-affidavit tas-sensara u tal-offerent, wieħed jistenna li l-imħarrek (bħala wieħed ieħor mill-bejjiegħa fuq l-att) kien

[7] Dok "B", f'paġġ. 7-8 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Victoria Spiteri 12.5.2004, f'paġ. 91 tal-proċess

ikun ġie mgħarraf b'dan ukoll, fejn messha wkoll ġiet ventilata t-talba tagħhom biex l-imħarrek iżomm kelmtu u jħallas dak li wiegħed;

Illi mill-kliem tal-liġi, u wara li ħasbet sewwa fuq l-aspetti ġuridiċi involuti, il-Qorti tasal għall-fehma li l-għamil xejn diskret ta' żewġ l-attriċi li idderieġa l-ġrajja biex isseħħ il-kundizzjoni, ma jmurx lil hinn minn dak li trid il-liġi meta tgħid li parti tista' "ġġiegħel" li tiġri l-ġrajja li ġġib fis-seħħ il-kundizzjoni potestattiva[9]. Tqis ukoll li, meħuda fit-termini għerja li fihom il-klawsola tfasslet u fil-fehma tal-partijiet meta għamluha, kull ċirkostanza maħsuba f'dik il-klawsola seħħet. Tqis ukoll li ċ-ċirkostanzi seħħew saż-żmien li kienu ftehmu l-partijiet. Tqis ukoll li fil-klawsola mkien ma jingħad li ż-żewġ persuni li kellhom jagħmlu l-affidavit riedu jkunu marbuta ma' xulxin jew li l-fatti li semmew fid-dikjarazzjoni rispettiva tagħhom kellhom ikunu magħrufa mit-tnejn. Fl-aħħarnett tqis li l-offerta li "jagħmel tajjeb" f'każ li tassew kien hemm offerta ogħla mill-prezz miftiehem fil-konvenju saret mill-imħarrek innifsu u li l-klawsola mertu tal-każ saret fuq stedina tiegħu stess;

Għalhekk, il-Qorti ssib li l-kundizzjoni seħħet tassew u li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għar-rabta tiegħu skond dik il-kundizzjoni, u li t-talbiet attriċi jirriżultaw mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kundizzjoni magħmula fi klawsola fil-ftehim ta' wegħda ta' bejgħ u xiri tat-8 ta' Lulju, 1996, seħħet kif miftiehem bejn il-partijiet;

**Tilqa' t-tieni talba**, billi konsekwenzjali għall-ewwel, u tiddikjara li l-imħarrek kien marbut li jħallas lill-atturi, bejniethom, is-somma ta' elf erba' mija u tmienja u għoxrin lira Maltija (Lm 1428) skond l-imsemmija klawsola;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi bejniethom is-somma ta' Lm 1428, flimkien

[9] App. Ċiv. **14.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Psaila vs Grima*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.425**)

mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'effett mit-22 ta' Jannar, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv, u l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------